GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' Security Guard Fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

**Suġġett:** IL-MALTI

**Data:** 4 ta' April 2024

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)

**L-istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha TLIET taqsimiet; Taqsima A, Taqsima B u Taqsima Ċ. Il-kandidati jridu jwieġbu t-TLIET taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

**Taqsima A**

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 200 kelma dwaru.**

a. Irrakkonta storja li tispiċċa....'Żgur li f'għomri mhux se nerġa' nersaq lejn dak l-irdum!'

b. Fuq il-monti ta' Marsaxlokk il-Ħadd filgħodu.

ċ. Taqbel li l-eżerċizzju fiżiku jgħinek tkun aktar b'saħħtek?

d. Mixja fil-kampanja fl-ewwel jiem tar-rebbiegħa.

e. L-ikbar sodisfazzjon ta' ħajti.

f. It-teknoloġija: qiegħda tgħin jew ittellef lin-nies?

**(40 marka)**

**Taqsima B**

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha li hemm taħtha.**

**Il-Karnival Malti**

Il-Karnival jissemma għall-ewwel darba fi bliet Taljani, eżempju f'Milan, f'Venezja, f'Ruma u f'Napli tas-seklu tnax u tlettax. Mhux ta' b'xejn allura li dan l-isem ġej mit-Taljan.

F'Malta, meta wasal l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, il-Karnival ħa xejra aktar ta' tbaħrit. Hu magħruf li fl-1535, il-Kavallieri kienu organizzaw u ħadu sehem f'tip ta' lotta bix-xwabel fil-pjazza tal-Birgu. Kemm il-Kavallieri kif ukoll il-Maltin issa bdew jipparteċipaw b'mod spontanju u brijuż kif ukoll b'mod aktar organizzat. Jista' jkun li l-kelma 'parata' ġejja minn dan it-tip ta' ġlied finta, għax *parare* bit-Taljan tfisser tfendi, bħal meta ġellied ifendi bix-xabla biex ma jintlaqatx. Il-Gran Mastru Jean Parisot de Valette kien ta spinta lill-festeġġjamenti tal-karnival, meta ta l-permess li jintlibsu l-maskri fil-pubbliku.

Fis-seklu tmintax, il-Karnival kompla fit-tradizzjoni tiegħu, fejn il-Maltin u anki l-Ingliżi kienu jitbaħartu biex igawdu dawn il-jiem ta' ferħ qabel ma jibda żmien ir-Randan. Nafu li l-Ingliżi kienu anki jagħmlu speċi ta' ġostra fi Pjazza San Ġorġ, fejn kien jilbsu l-kurazzi li kienu jisselfu mill-Armerija fil-Palazz tal-Gvernatur u jirkbu ż-żwiemel biex jagħmlu ġlied finta bejniethom. Fl-ewwel deċennji tas-seklu għoxrin, il-Karnival kien b'saħħtu ħafna kemm fil-Belt Valletta kif ukoll fl-ibliet tal-Kottonera. L-attivitajiet tal-Karnival kienu jkunu spontanji.

Fis-seklu għoxrin il-karozzini ddekorati kienu baqgħu popolari. Bosta kienu jirkbuhom biex imbagħad huma u għaddejjin, minnhom igaraw il-perlini għal fuq in-nies, u kien jidħku bit-tfal li kienu jiġru wara l-perlini, minn jaħtaf l-aktar. Ġieli anki bajd u tadam kienu jgaraw.

L-ewwel darba li kien organizzat il-Karnival fuq livell nazzjonali kien fl-1926, ħames snin wara li kien elett l-ewwel gvern awtonomu. Issa beda jsir programm li jibda bil-parata, dik iż-żifna li tfakkar fi żmien meta l-Kavallieri tal-Ordni kienu jikkumbattu l-Mislem Tork. Bdew anki jsiru id-defilè bil-karrijiet miġbuda, issa flok biż-żwiemel, mill-vetturi. Kien ikun hemm diversi kumpaniji li jagħmlu dan ix-xogħol. Hawn bdiet is-satira fil-karnival għaliex meta karru kien jintrama b'dan l-iskop kienu jqiegħdu karattri tal-kartapesta biex iwaqqgħu l-avversarju għaċ-ċajt b'kull mod possibbli. Dawn il-karrijiet satiriċi twaqqfu fl-1938. Biss reġgħu bdew xi ftit tas-snin ilu.

Illum il-Karnival hu organizzat mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, kif ukoll minn entitajiet oħra. Dan jibda l-Ġimgħa u jibqa' sejjer sat-Tlieta filgħaxija, lejliet Ras ir-Randan. Waqt il-ġranet tal-karnival isiru bosta attivitajiet kemm dawk organizzati kif ukoll oħrajn spontanji, kemm fil-Belt kif ukoll fi rħula oħra bħal Ħal Għaxaq u n-Nadur, Għawdex. Dawn jistgħu jinkludu, sfilati ta' karrijiet, żfin u xalar fit-toroq. Hawn min ukoll jorganizza ballijiet bil-maskri u kostumi kemm għal kbar kif ukoll għat-tfal.

(silta addattata minn *airmalta.com*)

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**1. Ikteb "VERU" jew "FALZ" għal kull waħda minn dawn is-sentenzi t'hawn taħt:**

i. Il-kelma 'karnival' ġejja mis-Semitiku. VERU/FALZ

ii. Qabel l-Ordni, il-Karnival kien diġà stabbilit. VERU/FALZ

iii. Il-karozzini għadhom jintużaw sal-lum fil-Karnival. VERU/FALZ

iv. Fis-seklu għoxrin, il-Karnival kien organizzat fuq livell nazzjonali. VERU/FALZ

v. Il-karrijiet satiriċi reġgħu ġew popolari minn ftit snin ilu 'l hawn. VERU/FALZ

**(10 marki)**

**2. Agħżel u ikteb ir-risposta t-tajba, skont dak li qrajt fis-silta.**

a. Il-kelma 'parata' ġejja minn ġlied (taparsi, aggressiv, serju).

b. Fl-ewwel deċennji tas-seklu 20, il-Karnival kien popolari fil-Belt u l-(Imdina, Birgu, Kottonera).

ċ. Fil-bidu, il-Karnival Malti kien ikun (organizzat, spontanju, speċjali).

d. Meta fil-Karnival twaqqa' għaċ-ċajt lill-avversarju tiegħek jew lil persuna pubblika tissejjaħ (defilè, ċelebrazzjoni, satira).

e. (In-Nadur, Il-Ħamrun, Iż-Żurrieq) hu l-aktar raħal imfittex għall-Karnival spontanju.

**(10 marki)**

**3. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont is-silta:**

a. B'liema mod il-Gran Mastru de Valette ta spinta lill-Karnival?

b. Il-karozzini ddekorati kienu jkunu mistennija mit-tfal. Għaliex?

ċ. Xi tfisser il-frażi "**il-Karnival kompla fit-tradizzjoni tiegħu"** skont kif użata fis-silta?

d. Kieku kellek iżżid jew tnaqqas xi ħaġa mill-Karnival Malti, xi tkun? Għaliex?

e. X'jagħmel din is-silta **edukattiva** u **kulturali**? Agħti **raġuni** għal kull **waħda**.

**(20 marka)**

**Taqsima Ċ: LINGWA**

Wieġeb l-eżerċizzji **kollha** li ġejjin. Din it-taqsima fiha **20 marka**.

**1. Qiegħed dawn is-sentenzi fil-Plural:**

i. Il-qattus raqad barra.

ii. Fil-kumpless il-ġdid hemm 'il fuq minn elf ħaddiem.

iii. Hi libset ħafna ħwejjeġ.

iv. Il-karozza kienet ipparkjata ħażin.

v. Fl-isptar għamlu sala għall-pazjenti. **(10 marki)**

**2. Oħroġ nom mill-kelma li qiegħda bil-grassett (bold) biex timla l-vojt f'dawn is-sentenzi:**

a. Il-kelb **għajjat** ___________ stramba u **ġera** ___________ tal-imġienen xħin sema' s-sajjetta tfaqqa'.

b. Tgħidx x'___________ **qbiżt** bil-qatgħa li tani u **ċanfartu** b'___________ liema bħala.

ċ. Waranofsinhar **imxejt** ___________ twila u **dort** ___________ mar-raħal kollu.

d. Wara t-___________ wieqfa li **tlajt**, ħadt ir-ruħ meta indunajt li kien imissni **ninżel** ___________.

e. Bil-___________ li **ftaħar,** tant dejjaq lil kulħadd li wara **waqqgħuh** ___________ għaċ-ċajt.

**(10 marki)**

**Total: 100 marka**

**TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI**